# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 0 92

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2225/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Joseph Genovese**

**u**

**Hotel Bernard Ltd u ghall-interess li jista' jkollha s-socjeta` Alpine Holdings Ltd**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hija ingusta.**

Illum 12 ta' Lulju 2011

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors tar-rikorrenti Joseph Genovese pprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-18 t'Ottubru 2004, u ffirmat mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-Rikors promotorju r-rikorrent jghid li huwa kien impjegat mas-socjeta` intimata Hotel Bernard Ltd bhala Night Receptionist fil-Hotel Bernard fuq bazi full-time u ghal zmien indefinit; li fl-24 ta' Lulju 2004 kellu l-impieg tieghu terminat minghajr raguni valida u gusta fil-ligi; u ghalhekk talab li jigi dikjarat li l-impieg tieghu gie terminat ingustament u li jinghata r-rimedji kollha skond il-ligi.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz ir-Rikorrent izid li huwa dejjem hadem b'mod professjonali u diligenti; li z-zewg warnings li rcieva fl-24 ta' Lulju 2004 kienu bbazati fuq fatti skorretti u inveritieri u ghalhekk kienu ingusti; u li dawn iz-

zewg warnings ingusti intuzaw fl-ittra tat-tkeccija li allura kienet wahda ingusta wkoll.

Iz-zewg socjetajiet intimati rrispondew flimkien u bhala dikjarazzjoni tal-kaz huma eccepew preliminarjament li s-socjeta` Alpine Holdings Limited qatt ma kellha relazzjoni guridika mar-rikorrent. Irrisponedw ukoll li tul is-sentejn ta' impieg tieghu ir-rikorrent kien igib ruhu hazin u pastaz mal-klienti, kien igib ruhu b'imgieba li taghmel hsara lill-lukanda fil-konfront tal-klienti taghha, ma kienx jobdi d-direttivi legittimi tal-management tal-lukanda, u kien igib ruhu ukoll hazin mal-haddiema l-ohra tal-lukanda; jinghad li kien traskurat f'xogholu, u ma kienx jaghti *hand-over* tajjeb u skond il-prassi tal-lukanda, u kien ifixkel lill-haddiema li kien ikollhom ix-*shift* warajh. Jinghad li r-rikorrent inghata tliet warnings bil-miktub qabel ma tkecca: gew esebiti dawn il-warnings tal-10 ta' Marzu 2003, 17 ta' Novembru 2003 u 2 ta' Lulju 2004, apparti l-incidenti msemmija fl-ittra tat-tkeccija tal-24 ta' Lulju 2004.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduti ingiebu provi (job history mill-ETC u x-xhieda ta' Tony Zahra) li juru li s-socjeta` Alpine Holdings Limited ma kellha ebda konnessjoni ma' l-impieg ta' Joseph Genovese, izda imbaghad din il-kwistjoni bhal intesiet u ma ssemmietx izjed. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinghad li dan il-kaz ma setax jigi konkjuz fi zmien xahar peress li z-zewg nahat ressqu l-provi taghhom fuq medda ta' numru kbir ta' seduti.

IL-PROVI

Id-direttur tas-socjeta` intimata Tony Zahra spjega l-incidenti li wasslu ghat-tkeccija, tal-24 ta' Lulju 2004: kellhom jaslu 4 arrivals bil-lejl meta kien duty ir-rikorrent: dan nizzilhom bhala "no shows", imma irrizulta li wiehed minn

dawn l-erbgha wasal u dahal fil-kamra minghajr ma r-rikorrent ghamillu check-in. Jghid li inzerta li dakinhar stess resident tal-lukanda ilmenta mill-imgieba tar-rikorrent, u ghalhekk dan Tony Zahra iddecieda li l-impieg tar-rikorrent kellu jigi terminat. Ma jirrizultax li r-rikorrent inghata cans jaghti l-verzjoni tieghu fuq l-ilment. Imbaghad ix-xhud spjega incident li sehh fit-2 ta' Lulju 2004 meta impjegata ohra ilmentat li r-rikorrent ghajjat maghha b'mod esagerat: dan ix-xhud tah warning izda r-rikorrent baqa' indifferenti. Iz-zewg warnings l-ohra ma kienx jaf bihom izda sabhom fil-file. Jghid li r-rikorrent qatt ma rrisponda bil-miktub ghal dawn il-warnings.

Kenneth Camilleri xhed li dahal jahdem bhala financial controller sena wara r-rikorrent, imbaghad xi zmien wara d-duties tieghu gew estizi biex ikopru l-Front Office u allura r-rikorrent gie tahtu. Semma l-incident li sehh fit-18 ta' Lulju 2004 fejn minn 4 arrivals li r-rikorrent indika bhala 'no show,' fil-fatt tnejn kienu waslu izda ma sarilhomx check-in. Jghid li dakinhar ukoll li residenta ilmentat mill-atteggament tar-rikorrent li matul il-gurnata ma hallihiex iddahhal fil-kamra xi persuni li gew izuruha. Dwar l-incident tat-2 ta' Lulju 2004 jispjega kif Melissa Mifsud ta' l-*accounts department* hadet zball fir-*reconciliation* tal-*cash*, u hasbu li n-nuqqas kien ta' Joseph Genovese; meta sema b'dan huwa mar ghand Melissa Mifsud u ghamillha xenata b'ghajjat kbir: ix-xhud Camilleri cempillu biex jikkalmah izda r-rikorrent qatghalu t-telefon.
Il-warning tas-17 ta' Novembru 2003 kien dwar residenti li talbu taxi ghall-Belt: ir-*receptionists* kellhom struzzjonijiet cari li ghal taxi titqabbad il-kumpanija First Coaches mentri r-rikorrent qabbadhom kumpanija ohra, li spiccat zammitilhom Lm20, meta suppost is-servizz kellu jiswa xi Lm8. Ir-residenti ilmentaw, u l-kumpanija ikkumpensathom b' Lm12.
Dan ix-xhud isemmi incident iehor li dwaru mhemmx warning: jghid li f'Gunju 2004 instab envelope bil-cash nieqes; staqsa lil kulhadd dwaru inkluz lir-rikorrent izda kulhadd qallu li ma rahx. Madankollu xi minuta wara r-rikorrent gie bl-envelope, u sussegwentement impjegat iehor qallu li r-rikorrent gab dan l-envelope minn mal-art hdejn il-*computer tower*, meta suppost il-*cash* ikun imsakkar f'kexxun.

Jghid li l-problemi fuq *handing-over* kienu jikkonsistu f'ilmenti li kien jaghmel ir-rikorrent mal-impjegati ta' qablu meta kien isib xi diskrepanza fil-*cash-flow* , anke ta' xi ftit centezmi.
Dan ix-xhud isemmi kaz fejn residenti hadu xi haga mir-restaurant b'valur ta' Lm4, u r-rikorrent ma dahhalx ic-citt relattiva biex tithallas mac-check-out. Meta x-xhud kellem lir-rikorrent dwar dan, ir-rikorrent accetta li johrog l-Lm4 hu izda talbu ftit zmien; imbaghad irrizulta li r-rikorrent baghat ittra ta' lment (esebita folio 13) lil dawk ir-residenti li telqu lejn l-Olanda.

Martin Dimech, li kien Duty Manager, jispjega li l-ewwel warning tar-rikorrent hareg fl-10 ta' Marzu 2003 meta security guard fil-lukanda ilmenta mar-rikorrent li m'ghaddielux telefonata li waslet ghalih; beda argument bejniethom fir-reception fejn kien hemm il-klienti, u l-manager sikkithom. Is-*security guard* waqaf mill-ewwel mentri r-rikorrent baqa' jghajjat u jipprovoka. Xhedet ukoll Melissa Mifsud li kkonfermat l-incident tat-2 ta' Lulju 2004, izda ma tghid xejn li d-diskrepanza li fuqha sar ilment kien zball taghha.

Xhedet Magda Abela li kienet tahdem fir-*reception*. Tghid li spiss kienet tilmenta mar-rikorrent li ma kienx izomm ir-reception nadifa u organizzata, u dan kien jaqla' l-argumenti. Tghid li darba spicca jghajjat anke mal-manager ta' fuqu Martin Dimech. Tghid li xi drabi kien ikun hemm it-telefon jew il-computer ma jahdmux, u r-rikorrent ma kienx jirrapporta, anzi tghid li darba wara x-shift tar-rikorrent instab li l-wires kienu skunnetjati, donnu intenzjonalment. L-ahhar xhud tal-intimati, Sebastian van den Berg ikkonferma affidavit tieghu fit-2 ta' Gunju 2005: hawn huwa jispjega li fis-16 ta' Gunju 2004 kien sab xi wires tal-computer network maqlughin u assuma li inqalghu intenzjonalment u assuma li qalaghhom ir-rikorrent. Fil-kumplament ta' l-affidavit huwa jsemmi incidenti li ma kienx prezenti personalment, hlief ghall-ittra indirizzata lir-residenti Olandinzi, fejn qal li r-rikorrent talbu jibghathielhom, izda ma baghtilhomx ghax kienet pastaza.

Ix-xhieda tar-rikorrent bdew jitressqu fit-22 ta' Lulju 2005, bl-ewwel ikun Anthony Sammut bhala segretarju tan-National Employment Authority. Dan qal li r-rikorrent fetah kaz, imma waqqfu *sine die* sakemm jinghalaq dan il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali. Jghid r-rikorrent kien gia` sab impieg iehor.

Mario Gatt mill-Labour Office spjega kif f'Gunju jew Lulju 2004 kien gie ghandu s-sur Genovese fejn ilmentalu li meta dahal jahdem kellu paga kull 4 gimghat, u li issa l-paga kienet ser tibda tohrog kull xahar. Spjega kif bhal ma turi l-ittra tal-25 ta' Awwissu 2004 (folio 56) jekk min ihaddem jimmoltiplika gimgha paga bi 52 u jiddividi bi 12 (biex iggib paga ta' xahar), ikun qed jintilef hlas ta' jum fis-sena, u fis-snin bizestili jintilfu jumejn paga. Jghid li kellem lid-direttur u l-financial controller izda dawn ma qablux li saret xi haga hazina ghaliex skond huma is-salarju miftihem kien ta' sena, mhux bil-gimgha. Ix-xhud Philip Bonnici xhed li Kenneth Camilleri kien gie impjegat bhala accountant.

Malcolm Jones jghid li kien impjegat mal-Alpine Group meta r-rikorrent kien ilmentalu mill-conversion li saret minn *fortnight payment* ghal *monthly payment*. Dan ix-xhud prattikament ma ftakar xejn aktar dwar l-ilment li ghamillu r-rikorrent sena qabel, hlief li l-ilment kellu jiehu hsiebu Kenneth Camilleri.

Fil-5 t'Awwissu 2005 ir-rikorrent talab numru ta' dokumenti (folio 59), u t-Tribunal ordna li dawn jigu esebiti fi zmien gimghatejn, izda dawn ma gewx esebiti. Imbaghat fis-26 ta' Jannar 2006 gie vverbalizzat fil-prezenza tas-sur Martin Aquilina li l-maggoranza tad-dokumenti rikjesti ma kinux disponibbli.

Xhed Daniel Mifsud li kien jahdem waiter fil-lukanda Bernard, u ftakar li fiz-zmien li Joseph Genovese tkecca kien hemm il-kwistjoni tal-qlib minn hlas kull hmistax –il jum ghal hlas fix-xahar; ftakar li Kenneth Camilleri kien sejjah lill-haddiema fuq dan u li kellu argument mar-rikorrent, imma ma ftakar xejn izjed. Michael Theuma spjega kif ic-chits ta' meta nies juzaw ir-restaurant kienu

jkunu bojod ghall-klienti, b'kopji sofor ghar-reception u kopji blu ghall-ktieb ghall-*accounts department*. Fi zmien ir-rikorrent ic-chits kienu jitpoggew f'*pouch* u jigi ssigillat sa ma jinfetah mill-accounts. Joseph Pace xhed kif fil-laqgha li ghamel Kenneth Camilleri dwar il-hlas fix-xhar, Genovese bed jghid li l-haddiema ser jitilfu gimghatejn paga, mentri Kenneth Camilleri cahad; ix-xhud hass li l-amministrazzjoni "Qishom bdew jaghmlu ghalih."

Kenneth Camilleri rega' ttella' in kontro-ezami b'hafna mistoqsijiet fit-tul u irrelevanti ghall-kaz. Spjega li fil-laqgha li huwa sejjah ried jispjega lill-impjegati kif flok jithallsu kull gimghatjen jithallsu darba fix-xahar, izda ma kienu ser jitilfu xejn. Spjega li fl-incident ta' Melissa Mifsud il-warning hareg ghaliex anke jekk din hadet zball, is-sur Genovese ma messux ghajjat maghha u bikkiha. Jghid li dakinhar hareg warning bil-miktub, imma kien hemm incidenti ohra fejn lir-rikorrent widdbu verbalment biss. Regghet saret xhieda mgebbda u repetittiva dwar l-envelope jew pouch li ma nstabx u dwar il-laqgha li saret lill-haddiema. Jghid li ddejjaq bil-fatt li r-rikorrent kien qed ixewwex lill-haddiema li l-financial controller ghall-kumpanija kien qed jipprova jisraq lill-impjegati. Dan ix-xhud jinsisti li ma kien qed jitnaqqas xejn minn tal-haddiema u li r-rikorrent mhux ma setax jifhem izda ma riedx jifhem li l-pagi inhadmu bi programm professjonali tal-computer. Accetta li skond il-ligi l-pagi kellhom jithallsu kull 4 gimghat mhux kull xhar, izda jghid li ta' l-ETC qalulu li ma jimpurtax jekk hadd ma jilmenta: jghid li ma sarx ilment fuq hekk. A folio 219 sa 222 Kenneth Camilleri jghid li l-impjegati kellhom paga kull gimghatejn u biex jinstab is-salarju ta' sena il-paga taghhom giet moltiplikata b'26. L-ammont globali gie diviz bi 12 biex kull xahar ikollu paga fissa. Ix-xhud ma accettax li jekk timmoltiplika hlas ta' 14 –il jum b' 26 iggib 364 gurnata, u allura f'kull sena jkun hemm jum li ma jithallasx u li fis-sena bizestili jkun hemm jumejn li ma jithallsux. It-Tribunal jinnota li l-kumpanija intimata intalbet kemm mill-Labour Office u kemm fis-seduti biex jigi prodott il-kuntratt ta' impieg tar-rikorrent, izda dan qatt ma ngieb. Anzi dan ix-xhud u Anthony Zahra in kontroezami t-tnejn jghidu li ma jafux ir-rikorrent kellux kuntratt ta' impieg miktub.

Xhed Francis Mercieca li rega' spjega s-sistema tal-*hand-over* u l-*pouches*. Spjega li l-*pouch* li kien instab fl-art kien poggih hu hemm biex ma jintilifx, u li lil Kenneth Camilleri kien qallu li kien hu li poggih hemm. Jghid li ma ttiehdu ebda passi kontrih. Jispjega li qabel kien jahdem supervisor mar-Wrangler u kien joqghod attent ghall-pagi tal-haddiema fejn kulhadd kien joqghod attent ghal kull siegha li tinhadem; huwa qabel mar-rikorrent li s-sistema l-gdida ta' hlas kull xahar kienet ser ittellifhom il-flus. Jghid li Kenneth Camilleri kien dejjem jaghlaq widnejh fuq dan l-ilment ghaliex dejjem jiftahar li huwa kien bid-degree ta' l-universita` u li l-programmi li juza hu ma jistghux jizbaljaw. Jghid li fil-laqgha ta' Kenneth Camilleri dan ma riedx jifhem il-matematika li pproponielu Genovese u beda jakkuzah li qed ixewwex il-haddiema u li l-kumpanija ser ikollha tiehu passi. Imbaghad spjega li ghalkemm taxi kienu jgibu tal-First Coaches, dawn kienu jdumu biex jigu u min ikun irid taxi urgenti kien iqabbad lil xi hadd iehor. Jghid li meta hadem ma' l-intimati qatt ma tawh kuntratt tax-xoghol miktub biex jiffirmah. Jghid li fil-lukanda kien hemm sistema ta' computer network Fidelio li kienet *second-hand* u taghmel l-istorbju. Jghid li s-sistema tat-telefons ukoll kienet taghmel hafna storbju u kien spiss jitfiha.

Xhed ir-rikorrent dwar hafna u hafna materji li tqajmu matul is-smiegh tal-kaz, hafna minnhom ftit jew xejn relevanti. Dwar l-ewwel warning jispjega li s-security, Francis Farrugia, kien bniedem tal-glied u l-Manager Dimech kien jibza' minnu. Fil-jum li kien hemm argument bejnu u r-rikorrent, dan Farrugia kien qed jiccalingja lil Genovese ghall-glied f'wicc il-manager, u allura Genovese kompla l-argument, bil-konsegwenza li qala' warning li ma ffirmahx. Dwar it-tieni warning jispjega li l-klient ma felahx jistenna lil tal-First Coaches u talbu kumpanija alternattiva; kien hemm taxi wara l-bieb, li sahansitra kellha l-cards taghha fir-reception tal-lukanda Bernard, u l-klienti ntbaghtu maghha. Ir-rikorrent la accetta u l-anqas iffirma dan il-warning. Dwar it-tielet warning jispjega kif David Demicoli, haten Kenneth Camilleri, kien ser jaghti hand-over lir-rikorrent b'Lm5.00 zejda; qablu li dawn ihalluhom fil-cash-flow

provizorjament. Dawn imbaghad gabarhom Kenneth Camilleri bla ma ffirma ghalihom, u hawn ir-rikorrent qajjem kwistjoni kemm ma' Melissa Mifsud li wahhlet fih kif ukoll ma' Kenneth Camilleri li ha l-flus bla ma ffirma ghalihom.

Huwa kkonferma li l-envelope bil-flus li thalla fl-art hdejn il-computer tower kien poggieh Mercieca biex ma jintlahaqx minn fuq id-desk, u Kenneth Camilleri kien jaf b'dan. Anke dwar il-kont li ma thallasx mill-Olandizi: dan kien ta' Lm10.60 (mhux Lm4.00) u ma kienx tort tar-rikorrent: di fatti l-flus nieqsa la hallashom ir-rikorrent u l-anqas tar-restaurant. Dwar l-incidenti ta' meta tkecca r-rikorrent jilmenta li minghajr id-dokumenti li talab (u li l-kumpanija intimata ma pproducietx) ma setax jiggustifika ruhu, pero spjega kif il-persuna li dahlet bla check-in kellu l-mara tieghu diga' go kamra u c-check in ma sarlux ghax ma kellux flus biex ihallas id-deposit li l-lukanda tirrikjedi li jithallas mac-check-in. Biss ir-rikorrent ma jaghtix spjega kif dan dahal xorta wahda.

KONSIDERAZZJONJIET

Ir-rikorrent tawwal u gebbed dan il-kaz wisq fit-tul meta l-materji relevanti ma kinux hafna. Ir-rikorrent huwa kredibbli fil-gustifikazzjoni ghall-ewwel zewg warnings, u sa certu punt anke ghat-tielet. L-ispjega fuq l-incidenti tat-tkeccija hija nebuluza u t-Tribunal jemmen li l-kumpanija kellha ragun fuqu. Dwar diversi incidenti ohra msemmija b'mod partikolari minn Kenneth Camilleri, dan it-Tribunal jinnota li mhux biss ma nhargux warnings fuqhom, imma addirittura jidher li r-rikorrent kellu ragun f'kull kaz izda l-kumpanija qatt ma tatulu. Dan qed jinghad b'mod partikolari dwar il-qlib fis-salarju. Hija haga ta' l-iskantament kif accountant suppost kwalifikat jghid li r-rikorrent ma riedx jifhem, meta fil-fatt kien hu li ma riedx jifhem kuncett matematiku semplici. Bil-qlib tas-sistema, f'kull sena l-impjegati kienu ser jithallsu ta' 364 jum (14 x 26) u ghalhekk kienu ser jitilfu jum paga fis-sena, u jumejn fis-snin bizestili. Ir-risposti ta' Camilleri ghal mistoqsijiet semplici fuq dan il-punt huma evazivi u

jwasslu lit-Tribunal li jemmen li Kenneth Camilleri jew huwa assolutament inkompetenti bhala accountant, jew inkellha ried jghaddi t-Tribunal minn ghajn il-labra biex ma jammettix li s-sistema kompjuterizzata ttellef lill-haddiema medja ta' jum xoghol u kwart fis-sena, bhal ma wara kollox ikkonkludew tal-Labour Office. Din il-pozizzjoni li ha Camilleri irritat mhux biss lir-rikorrent li spicca jaghmel seduti shah jispjega l-matematika tieghu, izda anke lit-Tribunal.

Mill-banda l-ohra r-rikorrent ghandu problema li ghax ikollu raguni ghandu dritt isir arroganti, u jibqa' jirrepeti insapportabbilment: mhux kapaci iwassal il-punt tieghu u jieqaf, daqskemm ma kienx civili fil-mod kif jiggieled ghad-drittijiet tieghu. Dan huwa rifless anke fix-xhieda voluminuza tar-rikorrent u fin-Noti ta' Sottomijonijiet interminabbli tieghu. Din l-attitudni certament wasslet biex irritat lil min ihaddmu, li f'Lulju 2004 hataf l-okkazjoni tan-nuqqas tar-rikorrent u keccih: tkeccija li tidher li kienet pjanata minn qabel. It-Tribunal hu propens jemmen li fil-jum in kwistjoni il-kumpanija intimata kellha ragun dwar in-nuqqasijiet tar-rikorrent, izda kif inghad mhux l-istess fil-kaz tal-warnings ta' qabel. Jirrizulta wkoll li r-rikorrent ma damx biex sab xoghol alternattiv.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal jikkonkludi li r-rikorrent naqas severament diversi drabi fl-imgieba tieghu versu s-superjuri tieghu meta kien jirreagixxi bl-aktar mod arroganti, izda meta tqis li fil-warnings proposti mill-kumpanija r-rikorrent kien gustifikat, jidher li t-tkeccija ma kinitx mija fil-mija gustifikata. Ghalhekk dan it-Tribunal qed jiddeciedi li t-tkeccija tar-rikorrent kienet parzjalment mhux gustifikata, u tenut kont ukoll li r-rikorrent sab impieg alternattiv malajr, dan it-Tribunal ser jordna kumpens nominali biss. Ghaldaqstant fil-waqt li s-socjeta` Alpine Group Ltd qed tigi liberata mill-Osservazzjoni tal-gudizzju, il-kumpanija Bernard Hotel Limited qed tigi ordnata thallas lir-rikorrent kumpens nominali ta' hames mitt Ewro

(€500) li ghandhom jitahallsu sa zmien 30 gurnata mill-lum.  Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00).   B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman